# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 7 ta' 2021, miżmuma nhar it-22 ta' Lulju 2021, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | | President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | (online) | Viċi President |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | (online) | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieha LC | (online) | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | (online) | Membru |
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | | Member |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar (online) | | Membru |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | Membru |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |
| • Omar el Arab | Pembroke LC | Membru Delegat |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

AĠENDA

6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

6.3 Komunikazzjoni tal-President;

6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

6.5 Kumunikazjoni

6.6 Rapporti;

6.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

6.7.1 DES estenzjoni

6.7.2 Project Officer

6.7.3 Culture Officer

6.7.4 Sub-committee – Book lunch

6.7.5 Premises

6.7.6 Street Sport festival

6.7.7 Baned u Nar

6.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

6.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mil-President Anton Mifsud. Bdiet fis-18:30hrs. Is-Sur Mifsud fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Omar El Arab, Peter Sant Manduca u Mary Ann Abela kienu assenti. Is-Sinjuri Raymond Schembri, Romilda B Zarb u Abraham Aquilina kienu skużati.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 6 ta' 2021, miżmuma f'Ġunju, ittieħdu bħala moqrija. Matthew Chetcuti ippropona li jkunu approvati. John Buttigieg u Christianne Mifsud issekondaw il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajjma mill-minuti:



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Is-SE spjega li kien irċieva ittra mid-Direttur tal-ambjent Ruth Debrincat fejn faħħret lir-Reġjun tal-impenn rigward il-miżbla iżda fl-istess ħin tgħidilna li meeting mal-ministru mhux ser isir. Il-membri urew id-diżappunt tagħhom ta' din l-ittra u talbu lis SE juri dan id-diżappunt. Is-SE ser jibgħat kopja tal-korrispondenza.

## Komunikazzjoni mil-President

Il-President informa lill-membri li dwar il-laqgħa mal-President ta' Malta li għaliha kien hemm mistiedna l-Kunsilli. Tkellem kif qal lil-President rigward il-problemi li qed jiffaċjaw il-Kunsilli speċjalment ta' kif ministru u entitajiet pubbliċi jinjoraw għal-kollox lill-Kunsilli. Il-maġġoranza tal-Kunsilli tar-Reġjun kienu preżenti. Is-Sur Mifsud tkellem fuq il problemi reġjonali fosthom in-nuqqas ta' persuna fuq il-bord tal-PA, l-applikazzjoni tal-inċeneratur, iż-żibel u oqsma oħra. Il-President ta' Malta talab li jkun infurmat dwar dawn in-nuqasijiet u offra l-għajnuna tiegħu u li jisma lill-Kunsilli.

Il-President

Il-President ippreżenta l-invit li rċieva mill-Baden Powell Scouts għall-għaxar anniversarju tagħhom li kien inżamm il-Ħadd ta' qabel. Huwa tkellem magħhom u infurmahom bix-xewqa tiegħu li jippreżentalhom l-istandard reġjonali.

Applikazzjoni tal-Fondi tal-Lesa – CCTV. Il-President informa li r-rapport tas-SE kien preżenta waqt il-laqgħa ta' AKL fejn ma kienx aċċettat u allura mhux ser jgħaddu l-fondi. Huwa spjega li għalkemm ix-xogħol kien sar tajjeb, ir-rapport kellu jasal sal-aħħar t' April, u mhux f'nofs Mejju. Huwa spjega li d-dewmien kien minħabba il-Covid u il-Kunsilli li damu ma wieġbu. Xorta waħda il-vot mehud fl-AKL kien kontra li l-fondi jingħataw lir-Reġjun.

## Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### – Komunikazzjoni

Marigold Foundation – għoriet l-interess li r-Reġjun jorganizza attivita b'risq il-Marigold Foundation. Paul Vella issuġġerixxa mixja mal-Victoria lines hekk kif kien pjanat għas-sena l-oħra għat-23 ta' Settembru. Anton Mifsud qabel u talab lis-SE jikkomunika mal-Marigold Foundation. Semma ukoll li l-uffiċċju tal-President jixtieq jorganizzaw attivita ukoll, u talbu jikkomunikaw magħhom.

### – Rapporti

Interviews tal-uffiċjali Reġjonali.
Is-SE ippreżenta r-rapporti u rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Ħatra dwar iż-żewġt uffiċjali Reġjonali. Christianne Mifsud ipproponiet u Matthew Chetcuti issekonda l-mozzjoni li r-rapporti ikunu approvati. Il-membri qablu unanimament. B'hekk Eliza Frosi ser tkun ingaġġata biex isservi bħala uffiċjal tal-proġetti u Naomi Galea bħala uffiċjal tal-kultura.

### – Affarijiet oħra

Book Launch – din ser issir fit-3 ta' Settembru hu pjanata biex issir jew f'Palazzo Pomortio, jew Gnien L-gharusa tal -Mosta jew Kennedy Grove. Is-SE ser jikteb lil kunsilli jitlob għal parteċipazzjoni ta' nies b'talent minn kull kunsill. Il-programm għandu jkun ta madwar 90

minuta. Is-SE intalab jaghmel ix-xogħol neċessarju u jordna is-servizz li hemm bżonn għal din is-serata.

Festival Baned u Nar. Il-membri tkellmu fuq dan il-festival u kien deciz li dan għandu jittella. Is-SE intalab issejjah laqgħa mal-parteċipanti u jara dawn hux lesti li jtellaw dan il-festival. Intalab ukoll jibda il-preparementi għalih billi jordna is-servizzi necessarji.

Street Sport Festival. Il-membri tkellmu u qablu li dan il-festival għandu jittella ukoll. Kien propost li dan għandu jsir għat-tieni ġimgħa ta' Ottubru. Il-membri talbu lis-SE jipreparaw u jordna is-servizzi neċessarji biex isir dan il-festival.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 140 kienet preżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. Christianne Mifsud issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 31 ta' Awissu 2021, fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ___________________________ | _______________________________ |
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum 31 ta' Awissu 2021.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt